# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta’ Ta’ Xbiex

## SEBA’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 58

**22 ta’ Ġunju, 2017**

**Il-Kunsilli Lokali ta’ Ta’ Xbiex ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta’ Xbiex XBX1150, fit-tlieta ta’ filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Viċi Sindku**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Frank Roe - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Clayton Xuereb – Segretarju Eżekuttiv**

# Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 58.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

**58.1.1** Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni.

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.

## 58.2 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**58.2.1** Is-Sindku Max Zammit informa lil kunsill li ġie iffirmat il-kuntratt ma *Strong Group* li d-direttur tagħha huwa P. T. Stronskiy. Il-punti prinċipali tal-kuntratt jgħidu li dan ħa jinagħta b'xejn lill-kunsill u li l-kunsill għandu r-responsibilita' li jlesti l-bażi u li jieħu ħsieb it-transport tiegħu lejn Malta.

**58.2.2** Is-Sindku Max Zammit ġibed l-attenzjoni wkoll li Yasmine Tonna, skrivana fil-Kunsill għaddiet informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv li hi gradwat f'livell ta' Diploma f'*EU funding*. Is-Sindku innota li kif kien miftiehem, il-kunsill ser iħallas għal tletin fil mija tal-ispejjeż tal-kors (is-sebgħin fil-mija l-oħra ħa jkunu rifonduti lilha minn skema oħra) u jibda wkoll iħallas *qualification allowance.*

**58.2.3** Is-Sindku Max Zammit innotifika li hemm kors interessanti li jitratta d-*Digital Marketing*. Il-kors jiswa 250 Ewro u xtaq jara jekk hemmx interess fih minn naħa tal-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill. Huwa kompla jgħid li jekk ikun hemm min huwa interessat fih għandu javża lis-Segretarju Eżekuttiv biex isiru l-arranġamenti meħtieġa.

**58.2.4** Is-Sindku Max Zammit informa li il-kunsill ha jkun qiegħed jara x'interess hemm biex tiġi organiżżata ġurnata sqallija.

**58.2.5** Is-Sindku Max Zammit ħass li hemm bżonn li nibdew bi preparamenti relatati mal-*marketing* ta' l-attivita' *Connecting through Culture* u għaldaqstant hemm bżonn nibdew naħdmu fuq il-poster biex nibdew niċċirkulawh.

## 58.3 Approvazzjoni tal-*Bank Reconciliations ta' l-ewwel kwart tas-sena*.

**58.3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Bank Reconciliation Statements ta l-ewwel kwart tas-sena għal approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva dawn l-istatements b'mod unanimu.

## 58.4 Immaniġjar tal-iskart ġewwa Ta' Xbiex.

**58.4.1** Is-Sindku Max Zammit informa lil kunsill li huwa u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-*Wasteserv* biex jaraw tistax tiżdied il-ġabra tal-borża organika. Il-*wasteserv* innutaw li dan mhux possibli minn naħa tagħhom u għaldaqstant il-ġabra trid tibqa ta' tlett darbiet f'ġimgħa. Il-kunsill qabel li għandna noħorġu l-*expression of interest* għal-ġbir tal-iskart riċiklabli malajr kemm jista jkun u għandna nibqgħu nipproponu li dan jinġabar kemm it-Tlieta u kif ukoll il-Ħamis.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**58.4.2** Il-Kunsill qabel ukoll li sakemm jiġu ffirmat il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart riċiklabli, il-kunsill għandu jħallas għal ġbir tal-borża il-griża ta' nhar ta' Ħamis.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 58.5 Approvazzjoni tar-*Reply to Management Letter.*

**58.5.1** Is-Sindku Max Zammit stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jippreżenta ir-*Reply to Management Letter* li pprepara l-Kunsill biex jirrispondi għal *Management Letter*. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier F Roe u ssekondata mill-Kunsilliera L Cachia Castelletti, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi b'irriżultat ikun favur unanimament

## 58.6 Rapporti mill-Kunsilliera

**58.6.1** Il-Kunsillier L Cachia Castelletti innutat li *Connecting through Culture* ħa tkun qiegħda taħbat mal-Festa tal-Msida. Dan ġara minħabba li fuq is-siti li jirreklamaw u jagħtu informazzjoni dwar il-festi, din qiegħda tiġi imniżżla li ħa ssir fis-16 ta' Lulju. Hi nnutat li dan ħa jkun qiegħed joħloq inkonvenjent minħabba li jkun hemm numru ta' toroq magħluqin u għaldaqstant hi ipproponiet li jsiru tabelli biex jiggwidaw lil min ikun ser jattendi l-attivita'.

Il-kunsill qabel b'mod unanimu.

## 58.7 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir it-Tnejn 10 ta' Lulju, 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**58.7.1 Il-laqgħa intemmet fil-4.45 ta' filgħaxija.**

**Konfermati, illum it-Tnejn 10 ta' Lulju, 2017.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Max Zammit**<br>**Sindku** | **Clayton Xuereb**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |